*MINUTI*

## *KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ (IT-TIELET KUNSILL)*

### *LAQGĦA NUMRU TMIENJA U ĦAMSIN*

***30 ta' Marzu, 2002***

*Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita' Joe Cassar, Triq Monsinjur Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis- 6.20 ta' filgħaxija.*

### *PREŻENTI*

*Is-Sindku Antonia Farrugia, l-Viċi Sindku Mark Spiteri, l-Kunsillier Mario Sammut, l-Kunsillier Raymond Grixti, l-Kunsillier Joseph D'Amato u l-Kunsillier Emanuel Briffa.*

### *SKUŻAT*

*Il-Kunsillier Mauro Pace Parascandalo.*

### *MINUTI*

#### *58.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

#### *58.1.1 Kunsiderazzjoni tal-Minuti*

*KLZ13/02 Il-Viċi Sindku Mark Spiteri ressaq din il-mozzjoni:*

*"F'paġna 4 tal-Minuti tal-laqgħa 57, fil-paragrafu li jitratta Ilment numru 67/388/02, għandha tiżdied din is-sentenza: Hi l-preprogattiva tal-individwu jekk jaċċettax żvilupp fl-area tiegħu."*

*Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku Antonia Farrugia u għaddiet nem.con.*

#### *58.1.2 Approvazzjoni tal-Minuti*

*KLZ14/02 Il-Kunsillier Emanuel Briffa ressaq din il-mozzjoni:*

*"Il-Kunsill japprova l-Minuti tal-laqgħa numru 57, kif emendati."*

*Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joseph D'Amato u approvata nem.con.*

### *58.2 Ħwejjeg oħra*

*Il-Kunsill kien infurmat li wara spezzjoni li saret fuq id-diversi xogħlijiet ta' tarmakk kif ukoll dwar il-kont mibgħut għal dawn ix-xogħlijiet mill-kumpanija Alfred Schembri & Sons Ltd kienu nnotati s-segwenti:*

*Fil-kont kien hemm żball li ġie nnotat mill-Viċi Sindku u li wassal biex titnaqqas is-somma ta' Lm 1290 mill-kont oriġinali;*

*Sar ftehim li parti minn Triq il-Fjuri kif ukoll parti minn Triq San Leopoldu ser jingħataw bit-tarmakk mill-ġdid billi dawn kienu ta' kwalita nferjuri kif ukoll li tiġi msewwija parti minn Triq San Luqa fil-viċinanza tal-mużew tas-subien.*

*KLZ15/02 Il-Viċi Sindku Mark Spiteri ressaq din il-mozzjoni:*

*"Wara li l-Kunsill rċieva ċ-ċertifikat tal-perit għax-xogħlijiet mwettqa mill-kuntrattur, jawtorizza l-ħlas ta' 70% tal-kont bil-kumplament jiġi mħallsa meta jsir ix-xogħol pendenti."*

*Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Emanuel Briffa u approvata nem.con.*

### *58.3 Xoljiment tas-Sotto Kumitati*

*Billi din hi l-aħħar laqgħa fit-tielet leġislatura tal-Kunsill, is-Sindku Antonia Farrugia xoljiet is-Sotto Kumitati kollha fi ħdan il-Kunsill.*

### *58.4 Ringrazzjament*

*Is-Sindku Antonia Farrugia fil-messaġġ ta' l-egħluq tal-laqgħa rringrazzjat lil Membri kollha tal-Kunsill, s-Segretarju Eżekuttiv u lill-Membri kollha ta' l-istaff tal-koperazzjoni murija sabiex b'mod kollettiv intlaħaq dak kollu li wettaq il-Kunsill matul l-aħħar tlett snin.*

*Il-Membri preżenti u s-Segretarju Eżekuttiv rriċiprokaw.*

***Il-laqgħa ntemmet fl-9.45am***

***Adrian Mifsud***
***Segretarju Eżekuttiv***